MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-27 ta' April, 2012

Numru 19/2011

**“Il-Pulizija**
**(Spettur Christopher Pullicino)**

**v.**

**Joseph Muscat**
***… omissis (1) …***
***… omissis (2) …***”

Il-Qorti,

**1.** Regghet rat in-nota ta’ l-ufficjal tal-*probation* Maria Mifsud tas-17 ta’ Awissu 2011 li biha ghamlet denunzja fis-sens ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, u fejn informat lil din il-Qorti li l-imsemmi Joseph Muscat naqas milli jzomm ruhu f’kuntatt ma’ l-ufficcju u l-ufficjal tal-*probation* skond id-direttivi moghtija lilu. Fil-fatt huwa attenda biss hames appuntamenti mit-tlettax li nghata u

b'hekk mhux qed ikun possibbli li jinghata l-gwida necessarja ghar-rijabilitazzjoni tieghu;

**2.** Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-18 ta' Frar 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 17(h), 49, 50, 261, 263, 267, 270 u 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Joseph Muscat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u cioe` talli:

Flimkien ma' *omissis (1)* –

1. fil-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Settembru 2010, ghall-habta ta' 23:00 hrs, gewwa B'Kara, ikkommettew serq ta' diversi oggetti fosthom affarijiet ta' kmamar tal-banju minn gewwa "Showroom" sitwat f'132, Triq in-Naxxar, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bil-valur li hu aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u li sar ghad-detriment ta' Wilfred Bezzina u/jew persuna/i ohra;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` ghamlu hsara fil-hgiega ta' l-istess "Showroom" liema hsara taqbez il-mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda anqas minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€11,164.69) ghad-dannu ta' l-istess Wilfred Bezzina u/jew persuna/i ohra;

Flimkien ma' *omissis (2)* –

1. fil-lejl ta' bejn il-11 u 2-12 ta' Settembru 2010, ghall-habta ta' 23:00 hrs, bil-hsieb li jikkommettu delitt, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ta' serq ta' vettura tal-ghamla VW Beetle li kienet fil-fond St. Francisco, Triq in-Naxxar, B'Kara, ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` taghhom u li kieku sehh kien

ikun aggravat bil-hin, bil-mezz u bil-valur li jaqbez €2329.37 u ghad-dannu ta' Chris Sammut u/jew persuna/i ohra;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkommettew serq ta' tliet car stereos minn gewwa tliet vetturi ohra differenti li kienu fl-istess garage, liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-mezz u bil-valur li jiskorri mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u dan ghad-dannu ta' Christopher Sammut u/jew persuna/i ohra;

Lil Joseph Muscat u *omissis (1)* –

Irrendew ruhhom recidivi ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta meta diga` gew misjuba hatja b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

u ta' dawn l-imputazzjonijiet ikkundannatu multa ta' hames mitt euro (€500) u ghamlet ordni ta' probation skond l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

**3.** Semghet id-deposizzjoni moghtija mill-ufficjal tal-*probation* Maria Mifsud fis-seduti tad-29 ta' Settembru 2011, fl-20 ta' Jannar 2012 u llum stess; rat is-*social inquiry report* li l-istess ufficjal tal-*probation* hejjiet fi proceduri ohrajn u pprezentata minnha b'nota ta' l-4 ta' Novembru 2011; semghet is-sottomissjonijiet; ikkunsidrat:

**4.** Mix-xiehda ta' l-ufficjal tal-*probation* jirrizulta illi l-*probationer* ma tahiex wisq opportunita` biex jahdmu fuq il-problemi tieghu. Lanqas ma jirrizulta illi l-*probationer* zamm kuntatt mal-*key worker* tieghu tas-SEDQA. Fil-fatt jidher li l-*probationer* ghandu problema ta' l-alkohol, u l-uniku test ta'l-urina li l-ufficjal tal-*probation* irnexxielha taghmillu rrizulta pozittiv ghall-cannabis.

**5.** L-iskop tal-*probation* huwa sabiex persuni misjuba hatja ta' xi reat jew reati jinghataw l-ghajnuna mehtiega minn ufficjal tal-*probation* kif ukoll minn professjonisti ohra,

skond il-htiega. Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti, meta ddecidiet li taghmel ordni ta’ *probation*, kienet cara meta qalet illi kienet qed taghti lill-imputati fil-kawza “l-ahhar opportunita` sabiex jirriformaw ruhhom u jaqbdu t-triq it-tajba”. Bin-nuqqasijiet tieghu ghalhekk il-*probationer* wera illi ma kienx lest li joqghod ghall-kondizzjonijiet li hu stess accetta u ffirma ghalihom (ara fol. 45 – 46). Konsegwentement din il-Qorti m’ghandha l-ebda triq ohra hlief li tittratta mal-*probationer* mill-gdid ghar-reati hawn fuq imsemmi kif jipprovdi l-artikolu 21(2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’dan illi jrid jittiehed qies tal-fatt illi l-ewwel Qorti kienet anke kkundannat lill-*probationer* ghall-hlas ta’ multa ta’ hames mitt euro (€500).

**6.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, a tenur tas-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li kkonstatat li l-*probationer* Joseph Muscat kiser l-ordni ta’ *probation* tat-18 ta’ Frar 2011, tirrevoka l-istess ordni u tittratta mieghu mill-gdid ghall-imputazzjonijiet hawn fuq imsemmija (paragrafu tnejn (2)) u, wara li rat l-artikoli 17(h), 49, 50, 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278(1)(2), 279(a), 280(2) u 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imsemmi Joseph Muscat ghal prigunerija ghal perijodu ta’ sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------